# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI
# MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)

**Kawża Numru 5385/23**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**
**Vs**
**Antoine Monsigneur**

**Illum, 28 ta' Frar 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Antoine Monsigneur ta' 52 sena, detentur tal-karta tal-identitá Maltija bin-numru 0049071M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli:

*"...nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2023 għall-ħabta tal-04:17hrs u/jew fis-siegħat ta' qabel ġewwa Triq it-Tiġrija, Ħal Qormi u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gzejjer Maltin:*

*1. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat nhar l-04 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur tal-artiklu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat nhar is-06 ta' Lulju 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Charmaine Galea LL.D. li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest dan bi ksur tal-artiklu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*3. U aktar talli nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2023 għall-ħabta tal-05:30hrs u/jew fis-sigħat ta' qabel ġewwa Triq it-Tiġrija Ħal Qormi, u/jew ġewwa l-lock up tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin inġurja, jew*

*hedded, jew għamel offiża fuq Ps 2360 Rachel Gatt, Pc 269 Miguel Xuereb u Pc 2299 Aidan Michail Demicoli li huma inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbeżżagħhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artiklu 95 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*4. U aktar talli nhar is-Sibt 22 ta' Lulju 2023 għall-ħabta tal-05:30hrs u/jew fis-sigħat ta' qabel ġewwa Triq it-Tiġrija Ħal Qormi u/jew ġewwa l-Lock-up tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin m' obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' Ps2360 Rachel Gatt, Pc 269 Miguel Xuereb u Pc2299 Aidan Michail Demicoli waqt li huma inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu id-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħallihomx jagħmlu dak li b'liġi jkunu ordnati jew jistgħu jaħmlu, jew billi gab fix-xejn dak li ikunu għamlu skont il-liġi u dan bi ksur tal-artiklu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*5. Voluntarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-Artiklu 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*6. Ikkomettiet reat waqt il-perjodu operattiv ta' 'Probation' b'sentenza deċiża nhar is-26 ta' Jannar 2023 mill-Maġistrat Dr Marse-ann Farrugia LL.D dan bi ksur tal-artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*7. Irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi u li ma jistawx jiġu mibdula;.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest tal-imsemmi Antoine Monsigneur kif ukoll tordna li s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) bhala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmija Antoine Monsigneur kif ukoll tordna li s-somma ta' għaxart elef Ewro (€10,000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba ukoll li sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Ps 2360 Rachel Gatt, Pc 269 Miguel Xuereb u Pc 2299 Aidan Michail Demicoli, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħhom minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ*

*ordni ta' trażżin favur Ps 2360 Rachel Gatt, Pc 269 Miguel Xuereb u Pc 2299 Aidan Michail Demicoli u l-familjari tagħhom, u dan skont l-Artikolu 328A tal-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija wkoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant filwaqt li nesebixxi l-fedina penali flimkien mal-PCR Person ta' Antoine Monsigneur miksub mis-sistema kompjuterizzata tal-Pulizija, nitlob li dan il-każ jiġi investigat skond il-liġi."*

Rat id-dokumenti ppreżentati;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, PC 984 Kurt Souness spjega li fit-22 ta' Lulju, 2023, għal ħabta tal-4 ta' filgħodu, huwa u kollega tiegħu raw lill-imputat barra, meta suppost kien jinsab ġewwa. Dan kollu ġie kkonfermat minn PC 299 Damian Cilia. L-Ispettur Roderick Attard ippreżenta vera kopja tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest datati 4 ta' Novembru, 2021. L-Ispettur Attard li huwa l-Uffiċjal Prosekutur f'dik il-kawża kkonferma li dawn il-kundizzjonijiet għadhom viġenti u li l-kawża għadha pendenti. Madanakollu, ma tressaqx l-Assistent Reġistratur tal-Qorti biex ikun jista' jikkonferma minn verifiki fil-proċess konċernant, jekk kienx hemm xi bdil fir-rigward ta' tali kundizzjonijiet. Per konsegwenza, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha l-aħjar prova, li verament tali kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest kienu għadhom vigenti. Għalhekk, l-imputat sejjer jiġi liberat mill-ewwel imputazzjoni.

Għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni imputazzjoni, Marica Mifsud bħala Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali eżebiet vera kopja tal-*bail conditions* tal-imputat datati 6 ta' Lulju, 2023, u kkonfermat li dawn għadhom in vigore. Madanakollu, l-Uffiċjal Prosekutur f'dawk il-proċeduri, u ċioè l-Ispettur Christian Cauchi qatt ma xehed f'dawn il-proċeduri, biex jikkonferma li l-imputat f'dawk il-proċeduri, huwa l-istess imputat odjern. Fl-istess digriet tal-kundizzjoni tal-helsien mill-arrest, kulma hemm imniżżel l-isem tal-imputat u lanqas hemm imniżżel l-karta tal-identità tal-imputat. Għalhekk, din il-Qorti ma għandhiex quddiemha provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li dawn il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datati 6 ta' Lulju, 2023, huma proprju jirrigwardaw l-imputat li għandha quddiemha din il-Qorti. Per konsegwenza, l-imputat ser jigi liberat minn din it-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, l-imputat jinsab akkużat ai termini tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola li:

> *"Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servzzż, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għall-inġurja, għat-theddid jew għall-offiża, meta jsiru mingħajr iċ-ċirkostanżi msemmijin f'dan l-artikolu, miżjuda b'żewġ gradi u għal multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizja Spettur Johann J. Fenech vs Daniel Mizzi,** deċiża fis-17 ta' Ġunju, 2019, intqal fir-rigward tal-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali s-segwenti:

> *"Fil-każ Il-Pulizija v Emanuel Pace (Qorti ta' l-Appell Kriminali (CA) – 30 ta' April, 1993 (App. Nru. 217/91)), il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissusisti d-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjat bħala ingurjuż,*

*jkun ingħad lil wieħed li għandu kwalifika ta' uffiċjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz "officio durante ad contemplazione officii".*

*Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tiġi inġurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni speċifiku iżda b'sempliċi kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jeżistix.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Carmel Farrugia (Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) – 16 ta' Frar, 1998 (App. Nru. 194/96) il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li "jekk l-kliem li jintqal mill-agent lejn uffiċjal pubbliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata, anke jekk dik il-kritika tieħu l-forma ta' rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-każ ir-reat in desamina ma jirriżultax.*

*Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v Emanuele Cassar (Qorti ta' l-Appell Kriminali – 12 ta' Diċembru, 1936 (Vol. XXIX/iv/593) il-Qorti tal-Appell Kriminali ddeċidiet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bżonn li l-kliem ingurjuż jingħad lil wieħed li għandu l-kwalita ta' uffiċjal pubbliku u fil-waqt li dan ikun fl-att tas-servizz tiegħu, l-att ingurjuż ta' l-oltraġġ jirrikjedi l-element morali, jiġifieri l-intenzjoni li l-ħati joffendi lil uffiċjal li jkun, u għalhekk meta ma hemmx dik l-intenzjoni ma hemmx l-oltraġġ, imma jista' jkun hemm kontravenzjoni oħra."*

Kif ġie spjegat ben tajjeb minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fis-27 ta' Frar, 2013, Numru. 652/2011, fid-deċiżjoni fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Kevin J. Farrugia) vs Renald Briffa:**

*"Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-inġurja jew theddid fil-konfront ta'l-uffiċjal pubbliku. Illi għalhekk l-element materjal ta' dana r-reat huwa l-inġurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, ġesti jew tpinġija li huma intenzjonati biex inaqqsu il-ġieħ u ir-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.*

*Illi l-vittma ta' dana ir-reat jista' ikun biss l-uffiċjal pubbliku u l-inġurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi ikun qed jagħmel servizz pubbliku (2) jew*

*inkella minħabba li ikun għamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-ħsieb li ibeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.*

*"Illi l-awturi jagħmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta l-oltraġġ isir fil-mument illi l-uffiċjal pubbliku ikun qiegħed jagħti is-servizz ma huwiex neċessarju illi l-inġurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qiegħed jeżerċita.*

*L-awturi Cheveau et Helie, li isemmi il-Professur Mamo fin-notamenti tiegħu, igħidu:*
*"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

*Kuntrarjament fiż-żewġ istanzi l-oħra irid ikun jiġi ippruvat nexus bejn l-oltraġġ u il-qadi tal-funzjoni pubblika.*

*Illi finalment ir-reat irid neċessarjament jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew ta' persuna inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku."*

Dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' PS2360 Rachel Gatt, li spjegat li l-imputat ma kkoperax mal-Uffiċjali tal-Pulizija u beda jheddidhom li jekk se jmur il-ħabs, mhux għax kiser il-bail. L-istess Uffiċjal tal-Pulizija spjegat li huma ma kinux jafu x'kellu fuqu u lanqas tahom ċans biex jagħmlulu *search* fuqu. Spjegat li għalhekk kellha tintalab l-assistenza tal-RIU. Dan kollu ġie kkonfermat mill-Uffiċjal tal-Pulizija PC2299 ukoll. PC 2299 kompla jispjega li meta kien ġol-*lock up*, l-imputat beda jistieden lill-Uffiċjali tal-Pulizija għal ġlied, billi beda jitlobhom ineħħulu l-manetti u jaraw min għandu l-akbar bajd. Kompla jgħid li l-imputat kien qallu li huwa jaf fejn joqgħod, u li xi darba' jew oħra ser ikellmu fuq dak li kien ġara.

Il-Qorti rat ukoll il-*body cam* li ġie eżebit.

Minn dawn il-provi kollha prodotti, il-Qorti tqis li din l-akkuża ġiet ampjament ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, mix-xhieda ta' PC 984 Kurt Souness, irriżulta li l-imputat ma bediex jikkopera mal-Pulizija, tant li ntalbu uffiċjali tal-RIU għal assistenza. PS2360 Rachel Gatt ukoll xehdet li l-imputat ma kkoperax mal-Pulizija. Spjegat in fatti, li dan beda jgħidilhom li ma kienx ser imur mal-Uffiċjali tal-Pulizia u li jekk ried, l-Ispettur kellu jiġi fuq il-post hu. Anke f'dan ir-rigward, il-filmat eżebit mill-*body cam,* jekwivali għal prova li tali imputazzjoni tissussisti.

Dwar il-hames imputazzjoni, minn dak ravviżat mill-filmat tal-*body cam*, din il-Qorti tqis li din il-kontravvenzjoni ġiet ippruvata.

Dwar is-sitt imputazzjoni, Marica Mifsud bħala Assistent Reġistratur ippreżentat kopja tas-sentenza tas-26 ta' Jannar, 2023, u spjegat li ma kienx hemm appell minn tali sentenza. L-imputazzjoni taqra li l-imputat qed jiġi akkużat li kkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' probation b'sentenza deċiża nhar is-26 ta' Jannar, 2023, mill-Maġistrat Dr. Marse-ann Farrugia, u dan bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Nonostane dan, minn qari tad-deċide ta' dik is-sentenza, ma jirriżultax li l-imputat odjern kien tpoġġa taħt xi Ordni ta' Probation. Għalhekk din l-imputazzjoni ma treġix u l-imputat sejjer jiġi liberat minnha.

Dwar ir-reċidiva, u ċioè s-seba' imputazzjoni, din il-Qorti tqis li din ġiet ippruvata in vista tas-sentenza eżebita bħala Dok FM5 a fol 144 et seq tal-proċess, mil-liema sentenza jirriżultaw li l-konnotati tal-imputat f'dik is-sentenza, huma l-istess tal-imputat odjern**.**

**Deċide**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din il-Qortiqed tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tieni, u s-sitt imputazzjonijiet, u wara li rat l-Artikolu 95, 338(ee), 338(dd) , 31, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tielet, tar-raba', tal-hames u tas-seba' imputazzjoni, filwaqt li tikkundannah għal tliet xhur prigunerija, u kif ukoll tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850.00).**

**Inoltre, il-Qorti, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta, qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-istess ħati a favur ta' PS 2360 Rachel Gatt, PC 269 Miguel Xuereb u PC 2299 Aidan Michail Demicoli, liema ordni ta' trażżin hija soġġetta għal varji kondizzjonijiet, ilkoll kontenuti fl-istess ordni. Din l-ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur.**